31994R0738

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 738/94
tat-30 ta' Marzu 1994
li jagħmel ċerti regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/94 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità ħalli jkunu amministrati kwoti kwantitattivi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/94 tas-7 ta' Marzu 1994 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità ħalli jkunu amministrati kwoti kwantitattivi [1], u b'mod partikulari Artikolu 24 tiegħu,

Billi regoli ġenerali għandhom isiru biex ikun applikat ir-Regolament (KE) Nru 520/94 għal kull kwota kwantitattiva tal-Komunità, bl-eċċezzjoni ta' dawk imsemmija f'Artikolu 1(2) tiegħu;

Billi l-amministrazzjoni ta' kwoti kwantitattivi hija bażata fuq sistema ta' liċenzji maħruġa mill-Istati Membri; billi huwa għalhekk meħtieġ li jkunu addottati regoli komuni li jikkonċernaw il-formalitajiet biex isiru applikazzjonijiet għal liċenzji kif ukoll l-użu ta' liċenzji;

Billi għal dak il-għan l-informazzjoni li titniżżel fl-applikazzjonijiet għal liċenzji u l-kundizzjonijiet biex ikunu aċċettati applikazzjonijiet iridu jkunu stabbiliti uniformalment;

Billi, biex ikun assigurat li l-liċenzji ta' importazzjoni jew esportazzjoni jistgħu jintużaw mal-Komunità, huwa meħtieġ li tkun introdotta liċenzja tal-Komunità u forma komuni għal-liċenzji li, biex ikunu simplifikati l-affarijiet, għandhom jitolbu biss li jitniżżlu dawk id-dettalji li huma strettament meħtieġa biex ikunu amministrati l-kwoti;

Billi biex tkun assigurata ħidma bla xkiel ta' transazzjonijiet tal-kummerċ koperti minn liċenzji, ċerti regoli prattiċi għandhom jiġu mfassla, li jikkonċernaw per eżempju d-data li trid titqies biex ikun mibdul il-valur tal-prodotti f'ecus li jrid jidher fuq il-liċenzja, u l-proċeduri li jridu jkunu segwiti għal kisba ta' liċenzji ta' estratti jew ta' tibdil;

Billi l-użu ta' mezz mgħaġġel għal skambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandu jiġi mfassal;

Billi provvediment irid ukoll isir ħalli tkun assigurata osservanza tar-Regolament (KE) Nru 520/94, b'mod partikulari rigward stqarrijiet foloz f'applikazzjonijiet tal-liċenzja jew ksur tal-obbligu biex tintbagħat lura l-liċenzja;

Billi, iżda, biex ikunu evitati diffikultajiet amministrattivi jew tekniċi serji għall-awtoritajiet amministrattivi f'ċerti Stati Membri, dawn tal-aħħar huma awtorizzati, bħala eċċezzjoni, għal żmien tranżitorju li jispiċċa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1995, li jużaw forom bħal dawk tagħhom kif ikunu jeżistu fid-data taddħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għal ħruġ ta' liċenzji ta' importazzjoni, soġġetti għal ċerti provvedimenti, b'mod partikulari li l-applikant għal-liċenzja ta' importazzjoni jindika, meta jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, li huwa jixtieq juża l-liċenzja fl-Istat Membru li jkun qed japplika fih;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf bl'Artikolu 22 ta' Regolament (KE) Nru 520/94 biex ikunu amministrati l-kwoti,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

IT-TITOLU I

REGOLI ĠENERALI

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jagħmel regoli ġenerali għall-implimentazzjoni ta' Regolament (KE) Nru 520/94, minn hawn 'il quddiem imsemmi bħala ir-"Regolament bażiku", mingħajr preġudizzju għal kull arranġament speċifiku li tista' tagħmel il-Kummissjoni li jkun isegwi l-proċedura provduta f'Artikolu 23 tar-Regolament bażiku.

Awtoritajiet kompetenti

Artikolu 2

L-awtoritajiet amministrattivi kompetenti msemmija f'Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku huma elenkati f'L-Anness I. Fl-interess biex l-imsemmi l-Anness jinżamm aġġornat, l-Istati Membri għandhom immedjatament jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull tibdil li jkun jeffettwa t-tagħrif li jkun fih.

Applikazzjonijiet għal-liċenzji

Artikolu 3

1. Applikazzjonijiet għal liċenzji ta' importazzjoni jew esportazzjoni, bil-miktub, jintbagħtu jew isiru mal-awtoritajiet amministrattivi kompetenti elenkati f'Anness I.

Applikazzjonijiet jistgħu jitwasslu lill-awtoritajiet bil-*fax*, *telex* jew kull mezz ieħor ta' trasferiment tal-informazzjoni bil-kompjuter. F'dan il-każ huma jkunu kkonfermati mhux aktar tard minn tliet ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq sa meta għandhom jaslu l-applikazzjonijiet billi tintbagħat jew titwassal direttament

[1] ĠU L 66, tal-10.3.1994, p. 1.

lill-awtoritajiet kompetenti applikazzjoni bil-miktub; id-data tal-*fax*, *telex* jew trasferiment ta' informazzjoni trid, iżda, titqies bħala d-data ta' sottomissjoni.

2. Ħlief fejn provvedimenti oħra huma addottati skond il-proċedura mniżżla f'Artikolu 23 tar-Regolament bażiku, l-applikazzjoni tal-liċenzja għandha turi biss:

(a) l-isem tal-applikant u l-indirizz sħiħ (fosthom in-numru tat-telefon u l-*fax*, u kull numru ta' identifikazzjoni reġistrat mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti), u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT jekk ikun xi ħadd li jħallas il-VAT;

(b) il-perjodu li miegħu l-kwota tkun relatata;

(ċ) jekk meħtieġ, l-isem u l-indirizz sħiħ ta' min qed jiddikjara, jew fejn hu xieraq, dak tar-rappreżentant tal-applikant (fosthom numru tat-telefon u l-*fax*);

(d) deskrizzjoni tal-prodotti, li tagħti:

— deskrizzjoni kummerċjali,

— kodiċi ta' nomenklatura magħquda (NM) u kull dettall addizzjonali meħtieġ għall-amministrazzjoni tal-kwota (per eżempju l-kodiċi Taric),

— fil-każ ta' applikazzjonijiet ta' liċenzja għall-importazzjoni, dettalji ta' oriġini u post ta' konsenja,

— fil-każ ta' applikazzjoni ta' liċenzja għall-esportazzjoni, dettalji ta' pajjiżi terzi li minnhom il-prodotti jkunu se jgħaddu u l-pajjiż tad-destinazzjoni finali;

(e) il-kwantità jew ammont li għalihom qed issir applikazzjoni, imfissra fl-unitajiet użati biex kienet iffissata l-kwota;

(f) kull tagħrif ieħor stipulat fin-notifika li tħabbar il-ftuħ tal-kwota ippubblikata skond Artikolu 3 tar-Regolament bażiku;

(ġ) stqarrija mill-applikant li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni hija korretta, li l-applikant huwa stabbilit fil-Komunità Ewropea, li l-applikazzjoni hija l-unika waħda li saret għall-kwota msemmija, u li l-applikant jintrabat li jibgħat lura l-liċenzja jekk ma tintużax sħiħa, bi kliem kif ġej:

"Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni hija korretta u hi mogħtija b'intenzjoni tajba, li jien stabbilit fil-Komunità Ewropea, u li din l-applikazzjoni hija l-unika waħda magħmula minni jew f'ismi għall-kwota marbuta mal-prodotti deskritti fl-applikazzjoni. Jien nintrabat li nibgħat lura l-liċenzja lill-awtorità kompetenti li tkun ħarġitha fi żmien 10 ijiem mill-għeluq tagħha fil-każ li kollha kemm hi jew parti minha ma tintużax."

"I, the undersigned, declare that the information given in this application is correct and is given in this application is correct and is given in good faith, that I am established in the European Community, and that this application is the only one made by me or on my behalf for the quota relating to the goods described in the application.

I undertake to return the licence to the competent issuing authority within 10 days of its expiry in the event that all or part of it is not used."

"El abajo firmante certifica que los datos incluidos en la presente solicitud son exactos y han sido declarados de buena fe, que está establecido en la Comunidad Europea, que la presente solicitud constituye la única solicitud presentada por él o en su nombre y relativa al contingente aplicable a las mercancías descritas en esta solicitud.

El abajo firmante se compromete, en caso de no utilización total o parcial de la licencia, a restituir esta última a la autoridad competente de expedición a más tardar dentro de los diez días laborables siguientes a su fecha de expiración."

"Undertegnede bekræfter hermed, at oplysningerne i denne ansøgning er korrekte og afgivet i god tro, at jeg er etableret i Det Europæiske Fællesskab, og at denne ansøgning er den eneste, der er indgivet af mig eller i mit navn vedrørende kontingentet for de i denne ansøgning beskrevne varer.

Såfremt tilladelsen er helt eller delvis ubenyttet, forpligter jeg mig til at returnere den til den kompetente myndighed, der har udstedt den, senest ti arbejdsdage efter udløbsdatoen."

"Ich, der Unterzeichnete, bescheinige hiermit, daß die Angaben in diesem Antrag richtig sind und in gutem Glauben gemacht wurden, daß ich in der Europäischen Gemeinschaft ansässig bin, daß es sich bei diesem Antrag um den einzigen Antrag handelt, der von mir oder in meinem Namen in bezug auf das Kontingent für die in diesem Antrag beschriebenen Waren abgegeben wurde.

Für den Fall, daß die Genehmigung ganz oder teilweise nicht genutzt wird, verpflichte ich mich, diese Genehmigung der zuständigen ausstellenden Behörde spätestens binnen zehn Arbeitstagen nach Ablauf der Genehmigung zurückzugeben."

"Ο υπογράφων πιστοποιώ ότι οι πληροφορίες που αναγράφονται στην παρούσα αίτηση είναι ακριβείς και καταχωρίζονται καλή τη πίστει, ότι είμαι εγκατεστημένος στην Ευρωπαϊκή Κοινότητα, ότι η παρούσα αίτηση αποτελεί τη μοναδική αίτηση που έχω υποβάλει ή έχει υποβληθεί επ' ονόματί μου όσον αφορά την ποσόστωση, η οποία εφαρμόζεται για τα εμπορεύματα που περιγράφονται στην παρούσα αίτηση.

Αναλαμβάνω την υποχρέωση, σε περίπτωση που δεν χρησιμοποιήσω την άδεια καθόλου ή εν μέρει, να την επιστρέψω στην αρμόδια εκδούσα αρχή το αργότερο εντός δέκα εργάσιμων ημερών μετά την ημερομηνία λήξης της."

"Je soussigné certifie que les renseignements portés sur la présente demande sont exacts et établis de bonne foi, que je suis établi dans la Communauté européenne, que la présente demande constitue l'unique demande déposée par moi ou en mon nom et relative au contingent applicable aux marchandises décrites dans cette demande.

Je m'engage, en cas de non utilisation totale ou partielle de la licence, à restituer cette dernière à l'autorité compétente de délivrance au plus tard dans les dix jours ouvrables suivant sa date d'expiration."

"Io sottoscritto certifico che le informazioni figuranti sulla presente domanda sono esatte e fornite in buona fede, che sono stabilito nella Comunità europea, che la presente domanda è l'unica presentata de me o a mio nome relativamente al contingente applicabile alle merci descritte nella presenta domanda.

Mi impegno, in caso di non utilizzazione totale o parziale della licenza, a restituire quest'ultima all'autorità competente per il rilascio entre dieci giorni lavorativi successivi alla data di scadenza."

"Ik ondergetekende verklaar dat de in deze aanvraag voorkomene gegevens juist zijn en te goeder trouw worden verstrekt, dat ik in de Gemeenschap gevestigd ben en dat deze aanvraag de enige door of namens mij ingediende aanvraag is m.b.t. het contingent dat op de in de aanvraag omschreven goederen van toepassing is.

Ik verbind mij ertoe, indien de vergunning geheel of ten dele ongebruikt blijft, deze binnen de 10 werkdagen na de uiterste datum van haar geldighedisduur bij de bevoegde instanties van afgifte in te leveren."

"Eu, abaixo assinado, certifico que as informações transmitidas no presente pedido são exactas e estabelecidas de boa fé, que estou estabelecido na Comunidade Europeia, que o presente pedido constitui o único pedido por mim apresentado ou em meu nome relativo ao contingente aplicável às mercadorias descritas nesse pedido.

Comprometo-me, em caso de não utilização total ou parcial da licença, a restitui-la à autoridade responsável pela sua emissão o mais tardar dez dias úteis após a sua data de caducidade.",

segwiti bid-data u l-firma tal-applikant u l-isem stampat b'ittri kbar.

3. Applikazzjonijiet tal-importazzjoni jew esportazzjoni li ma jkollhomx l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 2 ma jkunux aċċettati.

4. Applikazzjonijiet għal liċenzja ddikjarati korretti taħt paragrafu 2 (ġ) imma li jkollhom ineżattezzi jistgħu jkunu kkoreġuti sad-data tal-għeluq għal applikazzjonijiet imniżżla fin-notifika li tħabbar il-ftuħ tal-kwota.

Irtirar ta' applikazzjonijiet għal liċenzja

Artikolu 4

Hekk kif ikollhom l-informazzjoni, l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-għadd ta' applikazzjonijiet għal liċenzja li kienu rtirati, jiddikjaraw il-kwantitajiet li għalihom saru l-applikazzjonijiet u, fil-każ ta' applikazzjonijiet ibbażati fuq l-andament ta' kummerċ tradizzjonali, il-volum jew valuri murija fid-dokumenti mehmuża mal-applikazzjonijiet relevanti, imniżżla f' unitajiet tal-kwota.

Provedimenti speċjali rigward ċerti metodi ta' allokazzjoni

Artikolu 5

Meta l-metodu ta' allokazzjoni huwa bbażat fuq ordni kronoloġiku tal-applikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiċċekkjaw il-bilanċ disponibbli tal-kwota tal-Komunità mal-applikazzjonijiet għal liċenzja fl-ordni li fih kienu sottomessi.

Formoli komuni

Artikolu 6

1. Liċenzji u estratti ta' dawn isiru mill-awtoritajiet kompetenti fuq formoli li jkunu jaqblu mal-kampjuni mniżżla f'Anness II A (għal importazzjoni) u Anness II B (għal esportazzjoni).

2. Formoli ta' liċenzji u estratti ta' dawn għandhom isiru dupplikati, kopja minnhom, immarkata "Kopja tal-applikant" u li jkollha n-numru 1, li tingħata lill-applikant, u l-oħra, immarkata "Kopja għall-awtorità li qed toħroġ il-liċenzja" u li jkollha n-numru 2, jinżammu mill-awtorità li toħroġ il-liċenzja.

3. Il-formoli għandhom jiġu stampati fuq karta bajda ħielsa minn polpa mekkanika, imħejjija għall-kitba u li tkun tiżen bejn 55 u 65 gramma kull metru kwadru. Il-qies tagħhom għandu jkun 210 × 297 mm; l-ispazju bejn il-linji jkun 4,24 mm (wieħed minn sitta ta' pulzier); l-ippjanar tal-kitba tal-formoli jkun segwit bil-preċiż. Iż-żewġ naħat tal-kopja Nru 1, li hija l-liċenzja nnifisha, ikollha wkoll stampat sfond b'disinn tal-*guilloche* biex tkun tista' tinqabad kull falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi jew kemikali. L-isfond tal-*guilloche* ikun aħmar għal formoli marbuta mal-importazzjoni u ikħal ċar għal formoli marbuta mal-esportazzjoni.

4. L-Istati Membri jkunu responsabbli għall-istampar tal-formoli. Il-formoli jistgħu jkunu stampati wkoll minn stampaturi maħtura mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti. Fil-każ tal-aħħar, riferenza għall-ħatra mill-Istat Membru trid tidher fuq kull formola. Kull formola jkollha indikazzjoni tal-isem u l-indirizz tal-istampatur jew marka li biha l-istampatur ikun identifikat.

Fiż-żmien ta' meta joħorġu l-liċenzji jew estratti jingħataw numru tal-ħruġ allokat mill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti.

5. Liċenzji u estratti jimtlew bil-lingwa uffiċjali, jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali, tal-Istat Membru li jkun ħariġhom.

6. Il-marki tal-aġenziji li joħorġuhom u tal-awtoritajiet tad-debitu jkunu mmarkati permezz ta' timbru. Iżda, stampar imbuzzat flimkien ma' ittri u figuri miksuba permezz ta' perforazzjoni, jew stampar fuq il-liċenzja jistgħu jinbidlu bit-timbru tal-aġenzija li toħroġ il-liċenzji. L-aġenziji li joħorġu l-liċenzji għandhom jużaw metodu li ma jkunx jista' jitbagħbas biex iniżżlu l-kwantità allokata b'mod li jkun possibbli li jiddaħħlu figuri jew riferenzi (per eżempju ECU*1,000***).

7. In-naħa ta' wara ta' kopja Nru 1 u kopja Nru 2 għandhom ikollhom kaxxa li fiha jistgħu jitniżżlu kwantitajiet, jew mill-awtoritajiet tad-dwana fejn isiru formalitajiet tal-importazzjoni jew esportazzjoni, jew mill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti meta jinħareġ estratt.

Jekk l-ispazju mħolli għal debiti fuq il-liċenzja jew estratt ta' din ma jkunx biżżejjed, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jehmżu waħda jew aktar paġni ta' estensjoni b'kaxxi li jaqblu ma' dawk fuq in-naħa ta' wara ta' kopja Nru 1 u kopja Nru 2 tal-liċenzja jew estratt. L-awtoritajiet tad-debitu jqiegħdu t-timbru b'mod li nofs ikun fuq il-liċenzja jew estratt ta' din u n-nofs l-ieħor ikun fuq il-paġna ta' estensjoni. Jekk ikun hemm aktar minn paġna waħda ta' estensjoni, timbru ieħor isir bl-istess mod fuq kull paġna u l-paġna ta' qabilha.

8. Liċenzji u estratti maħruġa, u t-tagħrif imdaħħal u l-approvazzjonijiet li jkunu saru, mill-awtoritajiet ta' Stat Membru wieħed ikollhom l-istess effett legali f'kull wieħed mill-Istati Membri bħala dokumenti maħruġa, u tagħrif imdaħħal u approvazzjoni li jkunu saru, mill-awtoritajiet ta' Stati Membri bħal dawn.

9. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati jistgħu, fejn meħtieġ, jitolbu l-kontenut ta' liċenzji jew estratti biex ikunu tradotti fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi ta' dak l-Istat Membru.

Estratti

Artikolu 7

1. Mal-preżentazzjoni ta' kopja Nru 1 tal-liċenzja l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu, b'talba ta' min ikollu l-liċenzja, joħorġu estratt wieħed jew aktar tal-imsemmija liċenzja. L-awtoritajiet kompetenti li joħorġu l-estratt iniżżlu fil-kopji Nri 1 u 2 tal-liċenzja l-kwantità/valur li għalihom ikun inħareġ l-estratt, billi jżidu l-kelma "estratt" minbarra l-kwantità/valur murija. Jekk il-ħruġ ta' estratt wieħed jew aktar jeżawrixxi l-liċenzja, l-awtoritajiet kompetenti jżommu kopja Nru 1 tal-liċenzja.

2. Ebda estratt ieħor ma jista' jsir minn estratt ta' liċenzja, minbarra preġudizzju għall-provvedimenti mniżżla f'Artikolu 10.

Użu ta' liċenzji jew estratti

Artikolu 8

1. Kopja Nru 1 tal-liċenzja jew estratt ta' din tkun ippreżentata lill-uffiċċju tad-dwana li jaċċetta:

— id-dikjarazzjoni għal ċirkolazzjoni libera, fil-każ ta' prodotti soġġetti għal kwota ta' importazzjoni,

— id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, fil-każ ta' prodotti soġġetti għal kwota ta' esportazzjoni.

2. Kopja Nru 1 tal-liċenzja jew estratt ta' din tinżamm fid-dispożizzjoni tal-uffiċċju tad-dwana mal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Wara li jkun approvat id-debitu mill-amministrazzjoni tad-dwana msemmi fil-paragrafu 1, kopja Nru 1 tal-liċenzja jew estratt ta' din jingħata lura lill-parti konċernata.

Valuri f'ecus

Artikolu 9

Il-valuri murija fuq il-liċenzji għandhom ikunu f'ecus. Huma jinkisbu billi jkun konvertit il-valur tal-oġġetti f'ecus bit-rata tal-kambju li tkun applikabbli fid-data ta' meta tkun sottomessa l-applikazzjoni għal liċenzja.

Telf ta' liċenzji

Artikolu 10

1. Jekk liċenzja jew estratt jintilfu, l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti, wara talba minn dak li jkollu l-liċenzja, joħorġu liċenzja jew estratt ieħor minflok. Fit-talba għal kopja oħra jkun għandu hemm stqarrija li biha min kellu l-liċenzja jiċċertifika li tilef il-liċenzja jew estratt, u jintrabat li ma jużahomx mill-ġdid f'każ li jinstabu.

2. Il-liċenzja jew estratt li jinħarġu minflok għandu ikollhom l-informazzjoni u d-dettalji li kienu fid-dokument li huma nħarġu minfloku. Għandhom jinħarġu għal kwantità/valur ta' oġġetti li huma ugwali għal kwantità/valur muri fid-dokument mitluf. L-applikant irid jispeċifika dik il-kwantità/valur bil-miktub. Fejn l-informazzjoni li jkollhom l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti turi li l-kwantità/valur indikati mill-applikant jkunu għolja ħafna, dawn għandhom jitnaqqsu kif ikun meħtieġ.

Waħda minn dawn l-istqarrijiet ta' approvazzjoni tidher fuq il-liċenzja jew estratt maħruġa minflok:

— Licencia (o extracto) de sustitución de una licencia (o extracto) perdida — número de la licencia inicial …

— erstatningsbevilling (eller erstatningspartialbevilling) for bortkommet bevilling (eller partialbevilling). Oprindelige bevillings- (eller partialbevillings)-nr. …

— Ersatzgenehmigung (oder Ersatzteilgenehmigung) einer verlorenen Genehmigung (oder Teilgenehmigung) — Nr. der ursprünglichen Genehmigung …

— Άδεια (ή απόσπασμα) αντικαταστάσεως της απολεσθείσας άδειας (ή αποστπάσματος) αριθ. …

— Replacement licence (extract) of a lost licence (extract). Number of original licence …

— Numru tal-liċenzja oriġinali.

— licence (ou extrait) de remplacement d'une licence (ou extrait) perdue — numéro de la licence initiale …

— licenza (o estratto) sostitutivi di una licenza (o estratto) smarriti — numero della licenza originale …

— vergunning (of uittreksel) ter vervanging van een verloren gegane vergunning (of uittreksel) — nummer van de oorspronkelijke vergunning …

— licença (ou extracto) de substituição de uma licença (ou extracto) extraviado(a) — número da licença inicial …

Meta l-liċenzja jew estratt maħruġa minflok il-liċenzja jew estratt mitlufa jintilfu, ma jinħarġu ebda liċenzja jew estratt oħra minflok.

3. Jekk il-liċenzja jew estratt mitlufa jinstabu, ma jistgħux jintużawx u jridu jingħataw lura lill-aġenzija li tkun ħarġithom.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jagħtu lil xulxin l-informazzjoni meħtieġa għall-applikar ta' dan Artikolu.

5. L-Istati Membri għandhom f'intervalli ta' kull tliet xhur jinfurmaw lill-Kummissjoni:

(a) bil-għadd ta' liċenzji jew estratti maħruġa minflok matul it-tliet xhur ta' qabel;

(b) bin-natura u kwantità/valur tal-oġġetti konċernati u r-regolament li stabbilixxa l-kwota.

Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istati Membri l-oħra bl-informazzjoni li tkun irċeviet.

Skambju ta' informazzjoni

Artikolu 11

1. Informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri bis-saħħa tar-Regolament bażiku tkun mqassma skond il-prodott, il-pajjiż ta' oriġini u l-pajjiż terz tad-destinazzjoni.

2. Informazzjoni bħal din, u informazzjoni komunikata mill-Kummissjoni lill-Istati Membri bis-saħħa ta' Artikolu 15 tar-Regolament bażiku, tkun mgħoddija elettronikament jew permezz ta' mezz ieħor mgħaġġel u ta' min jorbot fuqu, filwaqt li jitħarsu r-regoli ta' kunfidenzjalità kif esiġiti f'Artikolu 25 tar-Regolament bażiku.

IT-TITOLU II

MIŻURI BIEX JINFURZAW IL-PROVVEDIMENTI TAR-REGOLAMENT BAŻIKU

Stqarrijiet foloz

Artikolu 12

Jekk l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti jiskopru li applikazzjoni għal liċenzja jew talba għal waħda minflokha ċċertifikata b'konformità ma'Artikolu 10(1) jkollha stqarrijiet foloz magħmula apposta jew permezz ta' negliġenza serja, l-applikant konċernat ikun eskluż mill-awtoritajiet kompetenti mill-proċedura ta' allokazzjoni miftuħa għall-perjodu ta' kwota li jkun imiss u, jekk ikun jixraq, mill-perjodu kurrenti.

Ksur tal-obbligu li l-liċenzja tintradd lura

Artikolu 13

Il-provvedimenti li ġejjin japplikaw f'każijiet ta' nuqqas ta' osservanza tal-obbligu li jkunu mrodda lura liċenzji mhux użati jew użati parzjalment kif imniżżel f'Artikolu 19 tar-Regolament bażiku:

— meta l-ħruġ ta' liċenzji ta' importazzjoni jew esportazzjoni sar bil-kundizzjoni li jsir depożitu, id-depożitu jintilef u jitħallas lill-*budget* tal-Komunità fi proporzjon li jaqbel mal-kwantitajiet mhux impurtati jew mhux esportati,

— jekk ma jkunx hemm depożitu x'jittieħed, kummerċjanti li jkunu naqsu milli joqogħdu mal-obbligu msemmi hawn fuq ikunu eskluży mill-proċedura ta' allokazzjoni miftuħa għall-perjodu ta' kwota li jmiss rigward 10 % tal-kwantitajiet speċifikati fil-liċenzja għal kull ġurnata ta' xogħol dewmien mid-data tal-għeluq biex tintradd lura l-liċenzja.

IT-TITOLU III

PROVEDIMENTI TRANŻITORJI U FINALI

Provedimenti tranżitorji

Artikolu 14

Għal żmien ta' tranżizzjoni li jintemm mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1995:

— meta japplikaw għal liċenzji ta' importazzjoni, l-applikanti jridu jiddikjaraw, mal-informazzjoni mniżżla f'Artikolu 3(2), jekk il-liċenzja li tkun se tinħareġ u kull estratt minnha jkunux sejrin jintużaw fl-Istati Membri li jkunu ħarġuhom, jew f'xi Stat Membru ieħor,

— jekk l-applikant jiddikjara li l-liċenzja u kull estratt minnha jkunu se jintużaw biss fl-Istati Membri li fihom tkun saret l-applikazzjoni, allura l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tal-Istati Membri li jkunu ħarġuhom ikunu awtoritzzati li jużaw il-formoli nazzjonali tagħhom biex joħorġu l-liċenzja jew kull estratt minnha, minflok il-formoli msemmija f'Artikolu 6; formoli bħal dawn ikunu kompluti billi jimtlew id-dettalji mogħtija f'kaxxi 1 sa 13 tal-kampjun ta' liċenzja tal-Komunità mhurija f'Anness II A, u l-kontenut tassoltu ta' 14.

Artikolu 15

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussels, 30 ta' Marzu 1994.

Għall-Kummissjoni

Leon BRITTAN

Membru tal-Kummissjoni

ANEXO I — ANNEXE I — ANNEX I — ANHANG I — ALLEGATO I — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ I — ANEXO I — BIJLAGE I — BILAG I

Lista de las autoridades nacionales competentes
Liste des autorités nationales compétentes
List of the national competent authorities
Liste der zuständigen Behörden der Mitgliedstaaten
Elenco delle competenti autorità nazionali
Πίνακας των αρμόδιων εθνικών αρχών
Lista das autoridades nacionais competentes
Lijst van bevoegde nationale instanties
Liste over kompetente nationale myndigheder

1. *Belgique/België*

Ministère des affaires économiques/Ministerie van Economische Zaken
Office central des contingents et licences/Centrale Dienst voor Contingenten en Vergunningen
Rue J. A. De Motstraat 24-26
B-1040 Bruxelles/Brussel
Tél.: (32 2) 233 61 11
Télécopieur: (32 2) 230 83 22

2. *Danmark*

Erhvervsfremme Styrelsen
Søndergade 25
DK-8600 Silkeborg
Tlf.: (45 87) 20 40 60
Fax: (45 87) 20 40 77

3. *Deutschland*

Bundesamt für Wirtschaft
Frankfurterstraße 29-31
D-65760 Eschborn
Tel.: (49 61 96) 404-0
Fax: (49 61 96) 40 48 50

4. *Ελλάδα*

Υπουργείο Εθνικής Οικονομίας
Γενική Γραμματεία Διεθνών Οικονομικών Σχέσεων
Γενική Διεύθυνση Εξωτερικών Οικονομικών και Εμπορικών Σχέσεων
Δ/νση Διαδικασιών Εξωτερικού Εμπορίου
Μητροπόλεως 1
GR-10557 Αθήνα
Tel: (301) 323 04 18, 322 84 93
Fax: (301) 323 43 93

5. *España*

Ministerio de Comercio y Turismo
Dirección General de Comercio Exterior
Paseo de la Castellana nº 162
E-28071 Madrid
Tel: (34 1) 349 38 17 — 349 37 48
Telefax: (34 1) 563 18 23 — 349 38 31

6. *France*

Services des autorisations financières et commerciales (Safico)
42, rue de Clichy
F-75436 Paris Cedex 09
Tél.: (33 1) 42 81 91 44
Télécopieur: (33 1) 40 23 06 51
Télex: 285123 SAFICO F

7. *Ireland*

Department of Tourism and Trade
Single Market Unit (Room 315)
Kildare Street
IRL-Dublin 2
Tel: (353 1) 662 14 44
Fax: (353 1) 676 61 54

8. *Italia*

Ministero del Commercio con l'Estero
Direzione Generale delle Importazioni e delle Esportazioni
Viale America 341
I-00144 Roma
Tel: (39-6) 59 931
Fax: (39-6) 59 93 26 31 — 59 93 22 35
Telex: 610083 — 610471 — 614478

9. *Luxembourg*

Ministère des affaires étrangères
Office des licences
Boîte postale 113
L-2011 Luxembourg
Tél.: (352) 22 61 62
Télécopieur: (352) 46 61 38

10. *Nederland*

Centrale Dienst voor In- en Uitvoer
Engelse Kamp 2
Postbus 30003
NL-9700 RD Groningen
Tel: (3150) 23 91 11
Fax: (3150) 26 06 98

11. *Portugal*

Ministério do Comércio e Turismo
Direcção-Geral do Comércio
Avenida da República 79
P-1000 Lisboa
Tel: (351 1) 793 09 93 — 793 30 02
Telecópia: (351 1) 793 22 10 — 796 37 23
Telex: 13418

12. *United Kingdom*

Department of Trade and Industry
Import Licencing Branch
Queensway House
West Precinct
Billingham
UK-Cleveland TS23 2NF
Tel: (44 642) 36 43 33 — 36 43 34
Fax: (44 642) 53 35 57
Telex: 58608

KOMUNITÀ EWROPEA **LIĊENZJA TA'L-IMPORTAZZJONI**

Kopja tal-liċenzjat 1 **1**

1 Kunsinnatarju
(Isem, indirizz sħiħ, pajjiż, Nru tal-VTM)

2 Ħarġa Nru

3 Perjodu tal-Kwota

4 Awtorità responsabbli għall-ħruġ
(Isem, indirizz, nru tat-telefon)

5 Dikjarant/Rapprezentant (kif japplika)
(Isem, indirizz sħiħ)

6 'L-aħħar jum ta' validità

7 Pajjiż ta' konsenja
(u numru ta' ġeonomenklatura)

8 Pajjiż ta' oriġini
(u numru ta' ġeonomenklatura)

9 Deskrizzjoni ta'l-oġġetti

10 Kodiċi NM

11 Kwantità espressa f' unit ta' kwota

12 Aktar partikolari

13 Sigurta'/Garanti
(Kif japplika)

14 Firma tal-Awtorità Kompetenti

Data:

Iffirmat:

Timbru:

15 ATTRIBUZZJONIJIET

Indika l-kwantità disponibbli fl-1 Parti ta' Kolonna 17 u l-kwantità attribwita fit-2 Parti

16 Kwantità Netta (Toqol nett jew kwantità oħra; uri l- *unit*)		19 Dokument tad-Dwana (Formola u Numru) jew Nru tal-estratt u data ta'l-attribuzzjoni	20 Isem, Stat Membru, timrbu u firma tal-awtorità li għamlet l-attribuzzjoni
17 F'Numri	18 Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			

Paġni ta' estensjoni għandhom jiġu annessi hawn.

KOMUNITÀ EWROPEA **LIĊENZJA TA'L-IMPORTAZZJONI**

Kopja ta'l-Awtorità li qed toħroġ il-liċenzja 1 **2**

1 Kunsinnatarju
(Isem, indirizz sħiħ, pajjiż, Nru tal-VTM)

2 Ħarġa Nru

3 Perjodu tal-Kwota

4 Awtorità responsabbli għall-ħruġ
(Isem, indirizz, nru tat-telefon)

5 Dikjarant/Rappreżentant (kif japplika)
(Isem, indirizz sħiħ)

6 'L-aħħar jum ta' validità

7 Pajjiż ta' konsenja
(u numru ta' ġeonomenklatura)

8 Pajjiż ta' oriġini
(u numru ta' ġeonomenklatura)

2

9 Deskrizzjoni ta'l-oġġetti

10 Kodiċi NM

11 Kwantità espressa f' unit
ta' kwota

12 Aktar partikolari

13 Sigurta'/Garanti
(Kif japplika)

14 Firma ta'l-Awtorità Kompetenti

Data:

Iffirmat:

Timbru:

15 ATTRIBUZZJONIJIET

Indika l-kwantità disponibbli fl-1 Parti ta' Kolonna 17 u l-kwantità attribwita fit-2 Parti

16 Kwantità Netta (Toqol nett jew kwantità oħra; uri l- *unit*)		19 Dokument tad-Dwana (Formola u Numru) jew Nru tal-estratt u data ta'l-attribuzzjoni	20 Isem, Stat Membru, timrbu u firma tal-awtorità li għamlet l-attribuzzjoni
17 F'Numri	18 Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			

Paġni ta' estensjoni għandhom jiġu annessi hawn.

ANNESS II B

KOMUNITÀ EWROPEA **LIĊENZJA TA'L-ESPORTAZZJONI**

Kopja tal-liċenzjat 1 / 1

1 Esportatur
(Isem, indirizz sħiħ, pajjiż, Nru tal-VTM)

2 Ħarġa Nru

3 Perjodu tal-Kwota

4 Awtorità responsabbli għall-ħruġ
(Isem, indirizz, nru tat-telefon)

5 Dikjarant/Rapprezentant (kif japplika)
(Isem, indirizz sħiħ)

6 L-aħħar jum ta' validità

7 Pajjiż tal-komsenja
(u numru ta' ġeonomenkliatura)

8 Pajjiż mhux Membru ta' *transit*
(u numru)

9 Pajjiż ta' oriġini
(u numru)

10 Deskrizzjoni ta'l-oġġetti

11 Kodiċi NM

12 Kwantità espressa f' unit ta' kwota

13 Aktar partikolari

14 Sigurta'/Garanti
(Kif japplika)

15 Firma ta'l-Awtorità Kompetenti

Data:

Iffirmat: Timbru:

16 ATTRIBUZZJONIJIET

Indika l-kwantità disponibbli fl-1 Parti ta' Kolonna 18 u l-kwantità attribwita fit-2 Parti

17 Kwantità Netta (Toqol nett jew kwantità oħra; uri l- *unit*)		20 Dokument tad-Dwana (Formola u Numru) jew Nru tal-estratt u data ta'l-attribuzzjoni	21 Isem, Stat Membru, timrbu u firma tal-awtorità li għamlet l-attribuzzjoni
18 F'Numri	19 Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			

Paġni ta' estensjoni għandhom jiġu annessi hawn.

KOMUNITÀ EWROPEA **LIĊENZJA TA'L-ESPORTAZZJONI**

2

Kopja ta'l-Awtorità' li qed toħroġ il-liċenzja

2

1 Esportatur
(Isem, indirizz sħiħ, pajjiż, Nru tal-VTM)

2 Ħarġa Nru

3 Perjodu tal-Kwota

4 Awtorità' responsabbli għall-ħruġ
(Isem, indirizz, nru tat-telefon)

5 Dikjarant/Rapprezentant (kif japplika)
(Isem, indirizz sħiħ)

6 L-aħħar jum ta' validità'

7 Pajjiż ta' konsenja
(u numru ta' ġeonomenklatura)

8 Pajjiż mhux membru ta' transit
(u numru)

9 Pajjiż ta' oriġini
(u numru)

10 Deskrizzjoni ta'l-oġġetti

11 Kodiċi NM

12 Kwantità' espressa f' unit ta' kwota

13 Aktar partikolari

14 Sigurta'/Garanti
(Kif japplika)

15 Firma ta'l-Awtorità' Kompetenti

Data:

Iffirmat:

Timbru:

16 ATTRIBUZZJONIJIET Indika l-kwantità' disponibbli fl-1 Parti ta' Kolonna 17 u l-kwantità' attribwità fit-2 Parti			
17 Kwantità' Netta (Toqol nett jew kwantità' oħra; uri l- *unit*)		20 Dokument tad-Dwana (Formola u Numru) jew Nru tal-estratt u data ta'l-attribuzzjoni	21 Isem, Stat Membru, timrbu u firma tal-awtorità' li għamlet l-attribuzzjoni
18 F'Numri	19 Fi kliem għall-kwantità' attribwita		
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			

Paġni ta' estensjoni għandhom jiġu annessi hawn.